Marzu 2010 • Vol 17 • Nru. 1

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp



## Fil-Paġni ta' ġewwa

- Ħatra ta' Assistent Kummissarju u Supretendent Ġdid
- Malta tiġi eletta Deputy Chair tal-Kumitat tal-Programmi Annwali tas-CEPOL
- Serqa sfrattata bil-ħila ta' kooperazzjoni bejn il-pulizija u l-pubbliku

u aktar...

*Newspaper Post*

# THE POINT... GET TO IT.




NOW OPEN

MONDAY TO SATURDAY
FROM 09.30hrs TO 19.30hrs

49 WORLD-RENOWNED STORES - ONE SHOPPING MALL

WWW.THEPOINTMALTA.COM

TIGNÉ POINT

Marzu 2010 • Vol 17 • Nru. 1

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

# WERREJ




**Cover:**
Tug of War organizzata bejn il-Pulizija u l-Armata f'Diċembru 2009.

Ir-ritratt ġie meħud mis-Surġent 165 Jason Gilson

IL-PULIZIJA

**Membri tal-Bord Editorjali:**

**President:** Supt. Dr Mario Spiteri LL.D.
**Editriċi:** Wps 93 Carol Fabri
**Membri:** Ps 128 Joseph Farrugia
Ps 772 Dennis Agius
Wpc 101 Roberta Grima
Wpc 255 Roberta Fenech
Mr. Joseph Borda

**il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti u aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-Magazine ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għanda tintbgħat fl-indirizz hawn taħt:

Editur, "il-Pulizija", C.M.R.U., Police Headquarters, Floriana, VLT 2000

Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

GUTENBERG PRESS - TARXIEN













5 Editorjal
7 Il-Pulizija, min jistenna jithenna jew...
11 Għoti tax-Shield, Ċertifikati ta' Mertu u għoti ta' Trofew għall-Uffiċjal tas-Sena
13 Il-missjoni EULEX fil-Kosovo Pulizija Malti onorat mill-Unjoni Ewropea
15 Ħatra ta' Assistent Kummissarju u Supretendent Ġdid
17 The President's Charity Fun Run
19 Ħatra oħra Ġdida ta' Supretendent
19 Preżentazzjoni ta' kotba ta' l-okkorrenzi
20 Apprezzamenti
23 "Shooting Range" fl-Akkademja tal-Pulizija
25 "People Matter"
25 Malta tiġi eletta Deputy Chair tal-Kumitat tal-Programmi Annwali tas-CEPOL
26 Ħarsa lejn l-INTERPOL
32 Il-Forzi ta' l-Ordni jiltaqgħu f'atmosfera sportivafi żmien il-Milied.
35 Serqa sfrattata bil-ħila ta' kooperazzjoni bejn il-pulizija u l-pubbliku.
39 Żjara tal-Kummissarju f'Għawdex
40 Għoti ta' Ċertifikati f'għeluq is-servizz
43 Konferenza stampa Numru tal-Emerġenza 112
45 Seminar tas-CEPOL dwar il-frodi kontra l-Unjoni Ewropeja jinżamm Malta
46 Paġna Sportiva
51 Power Lifting
52 Attivitajiet għall-żmien il-Milied
55 Donazzjoni
57 International Police Association
60 Għaqda Pulizija Pensjonanti
62 Mejtin




araha



suqha



ixtriha

# Flexicredit

Ilkoll għandna x-xewqat u l-bżonnijiet tagħna fi stadji differenti matul ħajjitna. L-HSBC qiegħed hawn biex jgħinek twettaq il-ħolm tiegħek, u jtik daqqa t'id, ikun x'ikun il-pass li jmiss.

Bis-self Flexicredit, inti tista' tissellef bejn €600 u €30,000 u tħallasna lura fuq perijodu massimu ta' 5 snin, u f'ħafna każijiet, aħna nistgħu nagħtuk is-self li għandek bżonn fi żmien siegħa. Kemm jekk ser tixtri karozza, ser issiefer jew ser tixtri għamara ġdida għad-dar tiegħek, **kellem lilna l-ewwel.**

Termini u kundizzjonijiet japplikaw.

Ċempel 2380 2380
Żur hsbc.com.mt
Mur fl-eqreb fergħa

HSBC
Bank dinji, bank lokali

*Approvat u maħruġ mill-HSBC Bank Malta p.l.c., 233, Triq ir-Repubblika, Valletta VLT1116*

# Editorjal

F'dawn l-aħħar ġranet f'ċerti ġurnali lokali dehru artikli fuq il-kwistjoni tat-tneħħija ta' training waqt il-ħin tax-xogħol għal kull attivita' sportiva li membri tal-Korp jieħdu sehem fiha. Minn dawn il-paġni mhux ħa nidħol fil-mertu ta' kif u min ħa din id-deċizjoni. Pero' nixtieq li tinfetaħ diskussjoni ta' nies maturi li aħna fuq dan is-suġġett.

Intqal ħafna diskors, u bħala persuna li kont nipparteċipa nista' ngħid li nħolqu bosta mistoqsijiet. Kif jista' jkun il-Korp li bħalissa għaddej f'kampanja li jeduka lil kull membru tiegħu jaqta', indirettament li membru jitħarreġ sabiex ikun jista' jġib ir-riżultati? Kif jista' l-Korp jinjora l-minjiera ta' riżorsi sportiva li għandu? Jekk kulħadd iwieġeb għas-sejħa meta l-Korp jgħajjatlu, allura kif jista' jkun il-Korp jaġixxi hekk? Jekk għandek pedina tajba f'idejk għalfejn tkasbarha?

Forsi għal dan kollu, u hekk nispera li huwa, hemm raġunijiet validi, raġunijiet li forsi wieħed jistenna li jinqasmu f'dawn il-paġni u b'hekk jinqatgħu l-ispekulazzjonijiet kollha dwar dak il-każ. Issa jekk xi ħadd għamel il-ħażin jew abbuża, wieħed jistenna li kulħadd jieħu dak li ħaqqu u mhux qisu ma ġara xejn u jbatu dawk li jaħdmu ġa igibu riżultati f'isem il-Korp. Ir-riżultati jiġu biss b'sagrifiċċji li wieħed jagħmel u li bihom kulħadd jieħu pjaċir mhux biss dawk li jkunu ħabu r-riżultat.

U kif l-argument qiegħed fuq l-eżerċizzju, punt ieħor li forsi wieħed jista' jiftaħ fuqu huwa l-fatt kif meta jkun imis li jsir l-eżerċizzju ġewwa fl-Akkademja, dejjem isiru l-istess affarijiet. Wieħed ma tantx irid jaħseb biex ipoġġi ċertu mistoqsijiet – hemm il-materjal adekwat biex jiġi varjat l-eżerċizzju? Ftit ilu, ix-shooting range ġiet irranġata sabiex wieħed ikun aktar komdu u sikur waqt il-ħin tal-isparar. Il-post minnu nnifsu sar iktar akkoljenti u professjonali. Allura, fejn għandek is-saħħa tal-membri tiegħek ma għandux isir investiment biex dawn ikunu f'pożizzjoni jservu aħjar? Ikolli naqbel ħafna ukoll mal-argument li, ikollna kemm ikollna, qatt ma huwa biżżejjed għax xorta ngergru. Imma imbagħad jiena ngħid li kulħadd irid iwieġeb għal għemilu. Ħafna drabi l-ġebla nwaqqugħha aħna fuq saqajna!

Nagħlaq billi bħala Bord Editorjali nawguraw lil kulħadd l-Għid it-tajjeb.



# BOV Personal Loan




Hu x'inhu l-bżonn finanzjarju tiegħek, aħna noffrulek self ***personalizzat***.
Kellimna llum għal risposta immedjata.

Applika ISSA - **www.bov.com**

Is-self kollu huwa suġġett għall-kriterji normali ta' self u għall-approvazzjoni finali mill-fergħa tiegħek tal-BOV. Termini u kundizzjonijiet japplikaw.

*Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58 Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta*

BOV 22546

**Bank of Valletta**

*Impenn lejn is-Suċċess tiegħek*

# Il-Pulizija, min jistenna jithenna jew...

Neville Mercieca, Segretarju Ġenerali

Meta fl-2002 saru diversi emendi fil-Kap164, li permezz tagħhom, fost oħrajn ġie maħluq il-Bord tal-Pulizija għan-Negozjar (PNB), kienu diversi dawk li qalu li fl-aħħar l-MPA għandha vuċi u tista' tpoġġi madwar mejda u tiddiskuti t-talbiet tagħha, għall-ġid tal-membri tal-Korp.

Fil-White Paper marħuġa dak iż-żmien, inkiteb li l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija jkollha rwol iktar miftuħ, u aktar importanti w effettiv milli kellha taħt l-Ordinanza u tingħata leħen f'deċiżjonijiet ta' natura soċjali.

Il-Bord tal-Pulizija għan-Negozjar jiddiskuti ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-Kundizzjonijiet tal-impjieg tal-Pulizija u fejn ma jkunx hemm qbil, il-materja tiġi mgħoddija għall-arbitraġġ. L-ewwel laqgħa saret fil-11 ta' Ottubru 2004 u l-aħħar waħda, sakemm qed nikteb dan l-artiklu saret fis-26 ta' Mejju 2009. B'kollox id-diskussjonijiet ħadu 32 siegħa, f' perjodu ta 5 snin.

Il-Punti mitluba mill-MPA kulħadd jafhom u mhux sejjer noqgħod nerġa' nsemmihom u ngħid x'ġara f'kull wieħed. Fuq in-naħa l-oħra, kull ma ħadna bħala titjib kien fis-sistemi ta' kif jittieħed is-sick leave u l-franki. Ġiet aċċettata wkoll it-talba li jkollna Job Describtion għar-ranks kollha. Sabiex dawn seħħew, kien hemm l-intervent dirett tal-Kummissarju. Li tiddiskuti huwa tajjeb, u tajjeb ħafna, iżda xi darba trid tieħu deċiżjoni.

L-Assoċjazzjoni hija r-rappreżentanta leġittima ta' madwar 1800 ħaddiem. B'sens ta' dover lejn il-membri kollha tagħna, mill-ikbar sa l-iżgħar wieħed, aħna sejrin nagħmlu dak kollu possibbli fil-paramentri tagħna sabiex inġibu l-aħjar kundizzjonijiet għal kulħadd. Wara kollox, meta l-membri tagħna jagħmlu avvanz, jigwadanja l-Korp stess u l-pajjiż.

**High Visibility vest...**

Kull membru tal-Korp ingħata high-visibility vest fuq bażi personali bħala issue. Sfortunatament tinnota bosta membri, li jkunu xogħol filgħaxija, anki f'postijiet mhux imdawlin, mingħajr din il-vest.

Huwa mportanti li din għandha tintuza skond kif spjegat fiċ-ċirkulari maħruġa mill-Korp. Minbarra li jistgħu jittieħdu proċeduri dixxiplinari, jistgħu iseħħu inċidenti aktar gravi, fejn tista' titpoġġa fil-periklu l-ħajja tagħna.

Kull apparat, għodda jew tagħmir ieħor mogħti lilna għandu dejjem jintuza, u jintuza sew, għal dawk l-għanijiet li għalihom ġie mogħti. Tkun diffiċli li talbiet għall-apparat ġdid jiġu milqugħa, jekk ma jsirx użu minn dak li diġa' għandna.

Huwa vera li flimkien ma' dawn il-vests seta' ingħata tip ta pouch fejn dawn jinzammu maċ-ċintorin, pero' dan m'għandux iżomm milli tintuza din il-vest, li ġiet mogħtija prinċiparjament għas-sigurtà tagħna stess.

Is-saħħa w is-sigurta' tagħna w ta' ħaddieħor għandha tkun prijorita' f'dak kollu li nagħmlu.

**Pannu Ġdid...**

L-Assoċjazzjoni ġiet mitluba sabiex għal darb' oħra tgħin lill-Kumitat ta' l-Isports tal-Korp billi toħroġ parti mill-ispejjez involuti sabiex jinbidel il-pannu tal-billiard fil-games room ġewwa l-GHQ. L-Assoċjazzjoni ħarġet €416.93, li tammonta għal żewġ terzi tal-ispiza totali.

**Christmas party għat-tfal tal-membri...**

Bħal kull sena, l-Assoċjazzjoni wkoll tat is-sehem tagħha fil-party li sar nhar it-22 ta' Diċembru 2009 għat-tfal tal-Membri. L-MPA ħarġet is-somma ta' €3,134.35. Din is-sena, ir-rigali ġew mixtrija mingħand Cousins Trading ġewwa Ħal-Qormi. It-tfal ġew mogħtija wkoll snacks sħan. Kien hemm ukoll entertainment permezz ta' karattri ta' disney. Għalkemm dan il-party jiġi organizzat mill-Entertainment Committee, l-Assoċjazzjoni, permezz tar-rappreżentant tagħha resqet suġġerimenti sabiex il-livell dejjem jogħla. Aħna nistiednu lil kulħadd sabiex jibgħat is-suġġerimenti jew kummenti tiegħu sabiex fejn kien hemm xi nuqqas jiġi rranġat, u fejn hemm tajjeb jsir aħjar. Nixtieq ukoll nirringrazzja lill-helpers kollha li għenu.

> *B'sens ta' dover lejn il-membri kollha tagħna, mill-ikbar sa l-iżgħar wieħed, aħna sejrin nagħmlu dak kollu possibbli fil-paramentri tagħna sabiex inġibu l-aħjar kundizzjonijiet għal kulħadd*

**Sick Leave/Leave...**

Wara żmien twil ta' diskussjonijiet fi ħdan il-PNB, li ma tantx waslu għall-soluzzjoni, tkellimna mal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex is-sistema ta' kif jiġi mnaqqas is-sick leave w il-leave tiġi







GUARANTEED TO KEEP YOU DRY
GORE-TEX® PRODUCTS
GORE

# THE ECCO SOLUTION:

vibram®



Art. 68783 Size. 35 – 41
Art. 68784 Size. 39 – 46



Art. 68773 Size. 35 – 41
Art. 68774 Size. 39 – 46



Art. 68753 Size. 35 – 41
Art. 68754 Size. 39 – 46

They are currently being delivered to the Dansk Police Force, DSB Danish Railways, Post Danmark, Danish Rescue and Security and Traffic Wardens.

For trade enquiries on the ECCO Professional series, please contact Zammit La Rosa Footwear Ltd on 21378433 or info@ecco-shoes.com.mt
Also available from "Lucky Shoe" Tigrija Palazz, Victoria, Gozo Tel: 21559335

Our current seasonal collection may be viewed at **www.ecco-shoes.com.mt**

Superbrands

BY APPOINTMENT TO THE ROYAL DANISH COURT

ecco®

aġġustata. Il-Kummissarju immedjatament laqgħa t-talba tagħna. Is-sistema preżenti ġiet konformi mal-PSMC, kif indikata fiċ-ċirkularijiet maħruġa mill-Korp. F'isem il-membri kollha nixtieq nirringrazzja lill-Kummissarju talli fehem l-anomalija li kien hemm u ħa azzjoni mmedjata. Bħas-soltu, aħna nħeġġu lil kulħadd sabiex jagħmel użu mis-sick leave, meta biss huwa meħtieġ. M'għandu jkun hemm l-ebda abbuz minn dan il-benefiċċju.

**Ftehim Kollettiv 1993...**

Qegħdin niġu kkuntatjati minn diversi membri tagħna, rigward diversi kummenti u rappurtaġġi fuq xi gazetti, media in ġenerali kif ukoll xi qlajjiet rigward is-suġġett.

Nixtieq inserraħ moħħ kulħadd li l-miżuri neċessarji qegħdin jittieħdu mill-kumitat Eżekuttiv, u meta jkun il-waqt, jinforma lil kulħadd bl-iżviluppi. Mhux prudenti li nikkumentaw iktar f'dan l-istadju fuq is-suġġett bil-miftuħ. Mingħajr ma naqqsu d-dritt ta' espressjoni li għandu kulħadd (dejjem skond il-parametri tal-Liġi u l-Kap164), nfakkru li xi kultant kumment mhux f'postu jagħmel iktar deni milli ġid.

**Sehem l-Assoċjazzjoni fl-Akkademja...**

Il-Kumitat Eżekuttiv kiteb lill-Kummissarju bix-xewqa li l-Assoċjazzjoni tibda tagħti s-sehem tagħha waqt il-lezzjonijiet non-core ġewwa l-Akkademja.

*F'isem il-membri kollha nixtieq nirringrazzja lill-Kummissarju talli fehem l-anomalija li kien hemm u ħa azzjoni immedjata.*

Il-Kumitat Eżekuttiv jirrikonoxxi li l-Korp għamel qabza kbira fil-qasam tat-taħriġ għall-membri tiegħu, li qed ikun kostanti sabiex dejjem jinżamm dak l-aġġornament meħtieġ mad-dinja moderna tal-lum, iżda fost il-membri qed jinħass nuqqas ta' informazzjoni rigward ħidmet l-Assoċjazzjoni. Il-Kumitat Eżekuttiv jixtieq iżomm kuntatt kostanti mall-membri kollha sabiex dawn ikunu aġġornati rigward il-kisbiet attwali, dawk tal-passat u x'hemm fil-ħsieb għall-futur.

Nixtiequ ninfurmaw lill-membri tagħna li din it-talba ma ġietx milqugħa. Fuq in-naħa l-oħra, l-Assoċjazzjoni ġiet inkluza sabiex tagħti lezzjonijiet lir-rekluti ġewwa l-Akkademja.

Nieħu dan l-ispunt sabiex nirringrazzja lil dawk kollha li jagħmlu l-għalmu tagħhom sabiex il-membri tagħna dejjem ikunu mħarrġa kif suppost f'kull qasam, fosthom l-Istaff tal-Akkademja li jagħmlu xogħol impekkabbli, u li sfortunatament mhux dejjem ikun aprezzat, kif ukoll lill-lecturers kollha, kemm dawk membri fil-Korp, kif ukoll dawk ċivili. Il-ħidma tagħkom hija ferm apprezzata.

**Skemi Speċjali għal-membri...**

Nixtieq infakkar li l-membri tagħna jistgħu jibbenefikaw minn skemi speċjali mal-Banek HSBC, BOV u Banif kif ukoll rati favorevoli mill-Pixxina ta' Qali u l-Gym tal-Qroqq. Aktar skemi sejrin jiġu mħabbra 'l quddiem

*Peress li għadni nitkellem ma' ħafna minn sħabi li lanqas għadhom jafu li għandna website, nixtieq nerġa' nfakkarhom fl-indirizz tagħna: www.mpa.org.mt u l- e-mail address mpa@onvol.net.*

**Website tal-MPA...**

Peress li għadni nitkellem ma' ħafna minn sħabi li lanqas għadhom jafu li għandna website, nixtieq nerġa' nfakkarhom fl-indirizz tagħna: www.mpa.org.mt u l- e-mail address mpa@onvol.net. Fil-website tagħna jinstabu wkoll il-paġni tal-Interntional Police Association kif ukoll tal-Għaqda Pulizija Penzjonanti.

**Vetturi Ġodda...**

Bħal ma tafu, dan l-aħħar qegħdin jiġu ntrodotti diversi vetturi ġodda sabiex aħna nagħmlu użu minnhom waqt il-qadi tad-doveri tagħna lejn il-pubbliku. Aħna nħeġġu lil kulħadd sabiex jagħmel użu tajjeb minnhom, kif ukoll jibża' għalihom. Ma ninsewx li kollox jiswa' l-flus.

**Apprezzament ta' ħidma...**

F'isem ic-Chairman, il-Kumitat Eżekuttiv kif ukoll il-membri tagħna, nixtieq nirringrazzja lis-Sur Martin Pace (ex-PC24) għas-servizz li għamel fl-Assoċjazzjoni. Is-Sur Pace kien xprun sabiex ittieħdu ċerti direzzjonijiet li l-Assoċjazzjoni għadha ssegwi sal-lum, kif ukoll kien minn tal-bidu li beda jdawwar id-direzzjoni tal-Assoċjazzjoni, minn waħda li tezisti biss fuq il-karta, għal-Assoċjazzjoni ħajja li tkun ta' benefiċċju tal-membri. Persuni bħas-Sur Pace mhux faċli ssibhom, u għalhekk il-kumitat Eżekuttiv iddeċieda li jinnominah bħal konsulent tal-Assoċjazzjoni.

Ħbieb, diġa' għaddew kważi sentejn mit-tliet snin terminu li intom fdajtulna. Matul dan iż-żmien ħdimna ħafna sabiex nerġgħu niksbu l-fiduċja tagħkom fl-MPA, li kienet kważi misset il-qiegħ. Bl-għajnuna tagħkom u ta' kull min hu nteressat fil-Korp, sejrin inkomplu l-ħidma tagħna sabiex kemm il-Korp tal-Pulizija, kif ukoll il-membri tiegħu, dejjem ikunu minn ta' quddiem u ta' eżempju għall-entitajiet oħra kemm fis-servizz pubbliku kif ukoll dak privat.

# Surveillance Technology For the world of tomorrow available today

For almost a quarter of a century, Dedicated Micros has constantly stretched the boundaries of CCTV technology. Not just in the research and science behind it, but in the imagination and vision that drives it everforward. And the result? Security and surveillance technology that is opening up a whole new world of exciting possibilities, and bringing the future a little closer each day.

- **Casino and Online Gaming**
- **Banking**
- **Small, Medium to Enterprise Solutions**
- **Law Enforcement**
- **Transportation**

The ability to deliver live and recorded video, straight from any camera or hard disk direct to any desktop PC, provides an extremely cost-effective method of increasing the number of control stations in the system. It also widens the value of the security system by opening up the real benefits of CCTV to all areas of the organisation.

**SPECIAL OFFER €999**
**UNTIL STOCKS LAST** INCLUSIVE OF VAT
**for 4 camera systems**

## www.dedicated micros.com

BLB 017 Bulebel Industrial Estate, Zejtun ZTN 3000
Fax 21 449 170 · E-mail: sales@dmicros.com.mt · For more information call

DEDICATED MICROS

Tel: 2381 9238 – 2148 3673




# Għoti tax-Shield, Ċertifikati ta' Mertu u għoti ta' Trofew għall-Uffiċjal tas-Sena





Fit-3 ta' Jannar, 2010 sar l-aħħar avveniment fejn għalaq il-festini tal-Milied organizzati mill-Kummissarju tal-Pulizija. F'din il-ġurnata saret ukoll quddiesa li għaliha attendew numru sabiħ ta' pensjonanti.

Wara l-quddies bdiet iċ-ċerimonja tal-għoti ta' premjijiet u tqassim ta' diversi tifkiriet.

Din is-sena ċ-ċertifikati ta' mertu ingħataw lil PC986 Paul Spiteri u lil PC525 Charlton Falzon Cascun.

Waqt li kien id-dar mal-familja fil-jum ta' mistrieħ tiegħu, PC986 Paul Spiteri rnexxilu jitfi vettura li kienet ħadet in-nar u li fiha kien għad hemm in-nies. Il-każ kien seħħ fis-17 t'Awissu, 2008.

Fit-2 ta' Frar, 2009 waqt li PC525 Charlton Falzon Cascun kien frank (off-duty) irnexxielu jaqbad suspettat li kien imfittex mill-Pulizija meta dan kien qiegħed jagħmel użu minn vetura misruqa.

It-trofew għall-iktar Distrett li rnexxielu jnaqqas l-akbar persentaġġ tar-rata ta' kriminalita' meta mqabbel bejn is-sena 2008 u l-2009 kien id-Distrett tal-Belt. Ir-rata ta' tnaqqis kienet dik ta' 32 fil-mija.

L-Uffiċjal magħżul li ddistingwa ruħu matul is-sena 2009 kien PC986 Paul Spiteri. PC986 intgħażel minn Bord imwaqqaf app-posta li jgħarbel il-lista ta' dawk kollha nominati fosthom dawk li jkunu rċivew ċertifikat ta' mertu jew ta' kommendazzjoni matul is-sena.

Wara li ngħataw dawn il-premijiet, ġew mibdula tifkiriet tal-okkazzjoni bejn il-Kummissarju u l-President tal-Għaqda Pensjonanti.

F'kelmtejn tal-okkazzjoni, il-Kummissarju John Rizzo qal li f'ġurnata bħal din hu għandu jirringrazzja lill-pensjonanti talli bħal kull sena għoġobhom jaqsmu l-ġurnata mal-Korp. Għamel aċċenn għal dawk il-membri li ma għadhomx magħna kif ukoll f'dawk il-membri li minħabba ħaġa jew oħra ma setgħux jat-tendu.

Il-ħsieb tal-ġurnata kien għal dawk il-membri li ħadu l-merti għax-xogħol li wettqu, ir-rebħ tat-trofew, kif ukoll ta' dawk kollha, irrispettivament mir-rank li ħadmu bis-sħiħ sabiex iżommu r-rata tal-kriminalita' baxxa. Faħħar ukoll l-aġir tal-Kuntistabbli 586 li fil-ħin liberu ma qadx jaħsibha darbtejn biex isalva familja milli tinħaraq fil-vettura tagħha, u dan anke sogru għal ħajtu. Il-Kummissarju irringrazzja lill-Kuntistabbli 525 li anke fil-ħin liberu tiegħu qabad persuna li kienet imfittxija mill-Pulizija waqt li forsi





kien qed iqatta' l-ħin liberu mal-familja

Il-Kummissarju semma' wkoll iż-żminijiet, imogħddija u dak tal-lum, kemm sbieħ kif ukoll koroh, li wieħed għadda minnhom. Proprju huwa jiftakar iż-żminijiet ta' kull rank peress li beda miż-żgħir. Fakkar ukoll kemm avventuri għaddew flimkien speċjalment waqt xi rinforz, fejn kulħadd kien jiltaqa' u jirrakkonta xi storja li għadda minnha fid-Distrett tiegħu. Semma' wkoll żminijiet fejn forsi ma kienu xejn feliċi imma kulħadd ħadem spalla ma' spalla biex ħadd ma jweġġa' u kollox jgħaddi b'wiċċ il-gdid.

Fuq insistenza tal-Kummissarju, saret minuta silenzju, li ntlaqgħet tajjeb biċ-ċapċip ta' dawk preżenti, b'tifkira għal dawk il-membri kollha li ma għadhomx magħna, speċjalment għal dawk li ħallewna waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

Il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern Dott. Carmelo Mifsud Bonnici faħħar xogħol il-Pulizija u rringrazzja lill-Korp għal ħidma kontinwa tiegħu kontra l-kriminalita' fejn anke rnexxielu jnaqqas ir-rata ta' kriminalita'. Irringrazzja lill-Kummissarju tax-xogħol siewi li qiegħed isir f'kull firxa tal-Korp.

Kien hawnhekk li l-Kummissarju stieden lil dawk preżenti għal bibita fis-sala San Mikiel.

Ritratti jsegwu Magħha din hemm ukoll intervista li tintbagħat iktar tard




**MIRA MOTOR SALES LTD**
MEMBER OF THE ZAMMIT GROUP OF COMPANIES
Mriehel By-Pass, Mriehel BKR 3000 Tel: 2278 1278 Email: chevy@zamgroup.com
**WWW.CHEVROLETEUROPE.COM**

CHEVROLET

# Il-missjoni EULEX fil-Kosovo: Pulizija Malti onorat mill-Unjoni Ewropea





EUROPEAN UNION

UNION EUROPEENNE

This is to certify that
The Secretary General of the Council,
High Representative of the Common Foreign and Security Policy
has awarded
« The European Security Defence Policy Service Medal »

to Raymond SALIBA

from the Republic of Malta

in recognition of having fully met the requirements of eligibility
and having completed the necessary period of qualifying service
as a member of the European Union Mission

EULEX KOSOVO
from 11/07/2009 to 11/07/2010

Issued in Brussels
On 28/10/2009

Dr. Javier SOLANA



Nhar is-16 ta' Novembru, 2009, PC40 Raymond Saliba kien ippreżentat bil-midalja tal-Politika Ewropea dwar is-Sigurta' u d-Difiża (ESDP). Dan sar b'rikonoxximent għas-servizz li qed jagħti fil-EULEX. Il-Kuntistabbli Raymond Saliba hu wieħed miż-żewġ membri tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta li bħalissa qed jirrapreżentaw lill-Korp fil-EULEX. Hu ngħaqad f'din il-missjoni nhar il-11 ta' Lulju, 2009 u qed jokkupa l-kariga ta' International Police Driver, stazzjonat f'Camp Lazio.

Il-midalja tal-Politika Ewropea dwar is-Sigurta' u d-Difiża tingħata lil Uffiċjali minn stati membri differenti li qed jagħtu servizz f'missjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan isir b'għarfien għall-impenn personali tagħhom b'risq l-għanijiet tal-missjoni għall-ambjent diffiċli li jaħdmu fih u għas-sagrifiċċji li jagħmlu f'ħidma 'l bogħod minn art twelidhom u mill-familji tagħhom.

Biex persuna tikkwalifika trid tkun serviet mill-inqas disgħin ġurnata f'missjoni partikolari. Il-midalja lewn il-fidda għandha fil-faċċatta t-tnax-il stilla li wieħed isib fuq il-bandiera tal-Unjoni Ewropea waqt li fuq wara għandha l-iskrizzjoni bil-Latin 'Pro Pace Unum' li tfisser 'Flimkien għall-Paċi'.

Iċ-ċerimonja tas-16 ta' Novembru, 2009 saret fil-Kwartieri ġenerali tal-Pulizija fi ħdan il-EULEX Kosovo, fil-kapitali Pristina. Dak inhar ġew onorati 33 membru li ntgħażlu minn lista ta' 160 membru tal-missjoni EULEX, ta' din l-akbar missjoni ċivili li sa llum qatt saret taħt il-politika Ewropea dwar is-sigurta' u d-difiża. Il-membri kienu ġejjin minn taqsimiet differenti tal-missjoni fosthom dsatax mill-Pulizija, sebgħa mill-qasam ġudizzjarju, wieħed mid-Dwana, u sitta mill-Amministrazzjoni. Il-preżentazzjoni tal-midjali saret mingħand il-Kap tal-EULEX Kosovo il-Ġeneral Yves de Kermabon, fejn il-Kuntistabbli Saliba ġie magħDul biex jirrapreżenta lill-iSpecial Police Units (SPU) ta' fejn hu stazzjonat fi ħdan il-EULEX Kosovo.

# Regular Income within your reach




## 4 Reasons to invest in Valletta Fund Management's International Bond Funds

- Regular Income*
- Access to a range of International Bonds
- Managed by Insight Investment Fixed Income Team
- Highly Liquid

VALLETTA
FUND MANAGEMENT

A Member of the BOV Group
Bank of Valletta

Freephone **8007 2344**, BOV Branches in Malta and Gozo & Licenced Financial Intermediaries

* Income and the frequency of payment are not guaranteed and may vary.

Past performance is not a guide to future performance. The value of the investment may fall as well as rise and currency fluctuations may affect the value of the investment. Investments should be based on the full details of the Prospectus which can be obtained from Valletta Fund Management ("VFM"), Bank of Valletta ("BOV") Branches and other licensed financial intermediaries. VFM is licensed to provide Investment Services in Malta by the MFSA. The La Valette Funds SICAV plc is licensed as a Collective Investment Scheme by the MFSA. This advertorial has been issued by VFM, Level 6, The Mall Offices, The Mall, Floriana FRN 1470. Tel.: 21227311, Fax: 21234565, Email: infovfm@bov.com Website: www.vfm.com.mt

# Ħatra ta' Assistent Kummissarju u Supretendent Ġdid

Nhar l-20 ta' Novembru 2009, is-Supretendent Raymond G Zammit inħatar Assistent Kummissarju filwaqt li l-Ispettur Anzjan Carmelo Magri nħatar bħala Supretendent.



Preżenti għal din il-ħatra kien hemm il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern Dr. Carmelo Mifsud Bonnici LL.D., MP, il-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo, kif ukoll uffiċjali għolja oħra fi ħdan il-Korp tal-Pulizija. Il-Kummissarju feraħ lis-Sur Zammit u lis-Sur Magri u qallhom li għandu fiduċja sħiħa fihom. Semma' li ż-żewġ uffiċjali għandhom esperjenza kbira fil-Korp u b'dawn il-promozzjonijiet ħa tiżdied ir-responsabbilta' tagħhom. Il-Kummissarju żied jgħid ukoll li kulħadd għandu jagħti s-sehem tiegħu fix-xogħol u li għandna nimxu dejjem b'dixxiplina. Il-progress qed issir u rridu nkunu aħjar.



Il-Ministru Mifsud Bonnici ngħaqad mall-Kummissarju billi feraħ lis-Sur Zammit u lis-Sur Magri tal-kariga ġdida tagħhom. Il-Ministru semma' li din hija ċerimonja żgħira, iżda ta' sinifikat kbir. Huwa qal li fil-ħidma tal-Pulizija, kull delitt li jiġi rreġistrat u kull rapport li jidħol irrid jiġi segwit u l-vittma tar-reat għandna nuruh li aħna attenti kif ukoll nuru l-aspett uman lejn il-vittma. Dr Mifsud Bonnici għamel ukoll aċċen ta' kif naqset l-istatistika tal-kriminalita' u li jinsab kburi u kuntent ħafna b'dan l-iżvilupp. Faħħar il-ħidma tal-Pulizija u żied jgħid li aħna mix-xejn nistgħu nġibu l-poplu jimxi magħna. Saħaq sabiex inħarsu 'l quddiem għal ħidma tajba. Il-Kummissarju u l-Ministru t-tnejn temmew billi awguraw lill-Assistent Kummissarju Raymond G Zammit u lis-Supretendent Carmelo Magri u lill-familji tagħhom għal din il-ħatra mportanti.

> *Dr Mifsud Bonnici għamel ukoll aċċen ta' kif naqset l-istatistika tal-kriminalita' u li jinsab kburi u kuntent ħafna b'dan l-iżvilupp.*

F'kumment qasir li tana, l-Assistent Kummissarju Zammit qal li huwa ħa jipprova jibqa' jaqdi s-soċjeta` u lill-pubbliku kif dejjem għamel. Huwa qal ukoll li wieħed irrid jimxi dejjem b'dixxiplina, responsabilta' u moralita' għolja. Fatturi li personalment huwa tant iħobb.

Is-Supretendent Magri ukoll tana kumment qasir, fejn qal li bi ħsiebu jxammar il-kmiem u jaħdem id f'id maż-żgħir għax jemmen li mingħajr iż-żgħir, il-kbir ma jimxi qatt.

Il-Bord Editorjali jifraħ lill-Assistent Kummissarju Raymond G Zammit u lis-Supretendent Carmelo Magri għal din il-ħatra u tawguralhom aktar suċċess fil-karriera tagħhom.




The new Spring/Summer Collection has arrived!

**Curtains - Carpets - Home Textiles - Household Goods - Haberdashery - Clothes - Fashion Fabrics**

Iklin - Gallarija Fgura - High Str., Hamrun T: 23314301 W: www.jbstores.com

# The President's Charity Fun Run

PS 46 Charlot Casha (Pulizija ta' Malta – Sezzjoni Sport)



Nhar is-6 ta' Diċembru 2009 ġiet organizzata attivita' mill-President ta' Malta l-Eċċelenza tiegħu Dr George Abela sabiex jinġabru fondi għall-Community Chest Fund bħala parti mill-programm tal-Istrina.

L-istedina kienet miftuħa għal kulħadd, iżda l-organizatturi stiednu b'mod dirett Assoċjazzjonjiet u organizazzjonijiet varji biex ikun hemm kontroll aħjar. Il-parteċipazzjoni min-naħa tal-Korp tal-Pulizija għaddiet f'idejn il-Kumitat ta' l-iSports tal-Pulizija.

Il-preparazzjoni min-naħa tal-Korp bdiet f'Novembru 2009, fejn saret laqgħa bejn membri tal-Kumitat ta' l-MAAA (Malta Amateurs Athletic Association) immexxija mis-Sinjura Valerie Farrugia u l-MPSC (Malta Police Sports Committee). F'din il-laqgħa is-Sinjura Farrugia spjegat kif kienet ser tkun organizzata l-attivita' 'msemmija filwaqt li kienu qed jistiednu lilna ukoll bħala Korp tal-Pulizija sabiex nagħtu s-sehem tagħna.

Din l-istedina ġiet milqugħa u l-membri tal-Korp ipparteċipaw f'isem il-Pulizija taħt il-kappa tas-Sezzjoni Sport. Din id-deċiżjoni ġiet approvata u mħeġġa mill-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo.

Total ta' 92 persuna applikaw mal-MPSC għal din l-attivita', li kienu jikkonsistu kif ġej: 55 membru tal-Pulizija; 30 rekluti tal-Pulizija; 7 persuni (minn 12-il sena 'l fuq) familjari tal-Pulizija. Kien hemm uħud minn dawn l-applikanti li ġabu ukoll xi tfal taħt it-12-il sena.

Din l-attivita' kienet maqsuma f'żewġ dixxiplini, it-tnejn jibdew fl-istess ħin u kull applikant kellu jagħżel f'liema waħda kien se jipparteċipa:

a. Ġirja ta' madwar 7km li kellha t-tluq tagħha mill-Palazz ta' San Anton, Balzan u tispiċċa quddiem il-Palazz, il-Belt Valletta; jew

b. Mixja ta' madwar 4+km li kellha t-tluq tagħha minn quddiem Casa Leone, Sta. Venera u tispiċċa quddiem il-Palazz, il-Belt Valletta.

Dakinhar tal-maratona kif kien miftiehem, il-parti l-kbira tal-parteċipanti iltaqgħu ġewwa l-Akkademja tal-Pulizija fejn sar it-tqassim tan-numri uffiċjali tal-attivita' u ġie meħud ritratt tal-okkazzjoni u l-parteċipanti kienu mwassla fil-lok rispettiv permezz ta' xarabanks tal-Korp.

Il-parti l-kbira tal-grupp tal-ġirja, għamlu l-attivita' fi grupp wieħed li saħansitra spiċċaw l-attivita' fi grupp wieħed indaqs.

Dawk il-Pulizija li ħadu sehem fil-mixja tħaltu mal-kumplament tal-parteċipanti. Imexxu l-mixja wara banner kbir kien hemm nies distinti – il-Prim Ministru u l-mara tiegħu, il-mara tal-President u tal-Kap tal-Oppożizzjoni, membri Parlamentari u nies distinti oħrajn.

Hekk kif bdiet il-mixja minn Sta.Venera ħafna nies mill-folla bdew jiġru u jaqbżu mill-ġnubijiet lil dawk li kienu fin-naħa





ta' quddiem imexxu l-attivita'. X'ħin raw hekk, l-uffiċjali ta' l-organizzazzjoni talbu l-għajnuna tagħna l-Pulizija u għalhekk numru (madwar 40) ta' Pulizija kif ukoll rekluti li kienu qed jieħdu sehem fil-mixja marru fuq quddiem nett fejn mexxew il-mixja f'żewġ linji fil-ġnub tat-triq biex b'hekk ġiet ikkontrollata sitwazzjoni.

Peress li l-ammont tan-nies kien kbir, inħolqot ftit konfuzjoni meta ltaqgħu dawk li kienu qed jiġru ma' dawk li kienu qed jimxu fi Triq Sant' Anna u kien biss bl-intervent tal-Pulizija li l-parteċipanti waslu sa quddiem il-Palazz qawwijin u sħaħ.

Pero' l-ikbar konfuzjoni nħolqot eżatt quddiem il-Palazz fejn kellek nies jistennew lill-parteċipanti biex jagħtu s-support tagħhom, il-parteċipanti nfushom u nies b'diżabilita' li għamlu l-ġirja permezz ta' wheelchairs kollha ridu jidħlu l-Palazz mal-President u man-nies distinti l-oħrajn. Hawnhekk reġgħet kienet il-ħila tal-Pulizija parteċipanti li żammew linja b'saħħitha sakemm kienu mgħejuna mill-Pulizija li kienu xogħol sabiex ħadd ma jweġġa'.

Għalkemm il-ħsieb kien li wieħed jieħu pjaċir jagħti sehmu f'okkazzjoni ta' solidarjeta', xorta ħadd mill-parteċipant tal-Korp tal-Pulizija ma ddejjaq ixammar il-kmiem biex jara li ħadd ma' jweġġa' f'din il-ġirja.




# Ħatra oħra Ġdida ta' Supretendent



Kull pożizzjoni ġdida ġġib magħha taħlita ta' ferħ u xi kultant ta' biża'. Ferħ għax fl-aħħar tkun ħadt il-premju li ħaqqek, waqt li biża' għax tkun dieħel f'ambjent ġdid u tibża li forsi sakemm tidhra taf tagħmel dak il-pass ħażin.

Il-promozzjoni minn Spettur għal Supretendent fis-7 ta' Diċembru, 2009 għal Martin Sammut kienet tfisser ferħ u sodisfazzjon kbir. Kariga f'dan il-livell għalih tfisser li s-superjuri tiegħu apprezew ix-xogħol li wettaq, apprezaw id-determinazzjoni tiegħu, imma l-iktar ħassew li għandhom jinvestu fih f'kariga li ġġib magħha ċertu livell ta' responsabbilta'. Wieħed ma jistax ma jsemmix parti integrali li kellha l-familja biex is-sehem tas-Sur Sammut fil-Korp tal-Pulizija ikun wieħed kbir.

Fi kliem tal-okkażżjoni, il-Kummissarju saħaq li issa, apparti li għandu iktar responsabbilta', is-Sur Sammut irid jara li l-integrita' kemm tiegħu kif ukoll tal-post fejn ġa jkun stazzjonat jirriflettu x-xogħol siewi li huwa ħadem għalih sabiex wasal sa hawn. Irringrazzja lil familjari tas-Sur Martin li dejjem kien warajh fix-xogħol tiegħu u awguralu għal din il-kariga ġdida tiegħu. Il-Kummissarju sostna li din il-kariga titlob li jisma' aħjar u bl-aktar mod parzjali lin-nies tiegħu u jkun jista' jagħraf aħjar is-sewwa għal ġid ta' kulħadd.

Il-Ministru Dr Carmelo Mifsud Bonnici awgura lis-Sur Sammut u għaraf ix-xogħol siewi tiegħu, speċjalment waqt il-qadi tad-doveri tiegħu il-Qorti. Bla dubju ta' xejn huwa konvint li issa f'kariga bħal din ser jagħraf isarraf iż-żmien li huwa trawwem fl-iskaluni li huwa tela' fil-ġerarkija fil-Korp u jgħaddi lis-subordinati tiegħu s-sostenn meħtieġ sabiex il-ħidma tal-Pulizija tqarreb lill-membri tal-Korp lejn iċ-ċittadin.

Kemm il-Kummissarju kif ukoll il-Ministru awguraw lis-Supretendent Martin Sammut fil-kariga ġdida tiegħu.

# Preżentazzjoni ta' kotba ta' l-okkorrenzi



Kotba ta' l-okkorrenzi li snin ilu x'aktarx kienu ntremew, reġgħu sabu ruħhom għand il-Pulizija. Dan kien possibbli grazzi għall-kumpanija Environmental Landscapes Consortium (ELC) li sabet dawn it-tliet kotba għal bejgħ fuq l-internet, xtrathom u wara ppreżentathom lill-Kummissarju tal-Pulizija. Dawn il-kotba, magħrufa aktar bħala Commissioner's Occurrences Books (COB) huma tas-snin 1892 sal-1901. Ir-rapporti f'dawn il-kotba huma ferm interessanti u huma miktuba bl-Ingliż jew bit-Taljan. It-tip ta' rapporti huma differenti mir-rapporti li jsiru fl-għases illum il-ġurnata u dan jirrifletti l-istil ta' Ђajja li missirijietna kienu jgħixu dak iż-żmien. Il-kotba, li huma f'kundizzjoni eċċellenti, ġew ippreżentati lill-Kummissarju tal-Pulizija mill-kumpanija ELC nhar is-16 ta' Frar 2010, fil-preżenza tad-Deputat Kummissarju Joseph Cachia u l-Assistent Kummissarju Josie Brincat. Dawn it-tliet kotba issa tpoġġew fil-Mużew tal-Korp tal-Pulizija li jinsab fil-Kwartieri Ġenerali, Floriana.


T: 2338 2338
comments@gssuperstore.com
GS superstore
NAXXAR
better choice, value & more
Carrefour
I love
superstore
GS superstore
Free Delivery
Loyalty Club
offers
service with a smile :)
great savings
fresh
free parking

# "Shooting Range" fl-Akkademja tal-Pulizija

Spettur Stephen Mallia

F'dawn l-aħħar xhur fuq inizjattiva tal-Kummissarju tal-Pulizija sar titjib konsiderevoli (upgrading) fir-range tal-isparar li tinsab fl-Akkademja tal-Pulizija fil-Forti Sant'Iermu.

Għalhekk, il-Korp tal-Pulizija jista' jgħid li issa għandu tliet shooting ranges fejn il-membri jistaw jitħarrġu fl-isparar bid-diversi armi li jinsab armat bihom il-Korp. Dawn ir-ranges jinsabu fl-Akkademja, fl-MT Section fil-Floriana, u fil-kumpless tal-SAG f'Ta' Kandja.

Biex sar dan ix-xogħol ma nistax ma nsemmix is-sehem kbir li kellhom il-membri tat-Trade Section tal-Korp taħt it-tmexxija tal-Maġġur Jesmond Delia, li għalkemm xtaqt insemmihom kollha b'isimhom wisq nibża' li nista' nħalli lil xi ħadd minnhom barra. Dawn ilkoll ħaqqhom tifħir tax-xogħol professjonali li wettqu u minn hawn nixtieq nirringrazzjahom.

Tifħir u ringrazzjament imur għal darb'oħra lir-rekluti tat-30 Kors Bażiku ta' Taħriġ li bħalissa jinsabu jitħarrġu ġewwa l-Akkademja għas-sehem u xogħol kbir li għamlu biex reġgħu taw d-dehra li jixraqlu l-foss taħt l-entratura prinċipali tal-Forti Sant'Iermu biex dan tnaddaf mill-ħaxix ħażin u materjal ieħor li nġema' maż-żmien u ġie jikkumplimenta l-parti tan-naħa l-oħra tal-foss fejn hemm is-shooting range. Fil-fatt hu ppjanat li dan il-foss ukoll jibda' jiġi utilizzat għat-taħriġ.





Bil-ftuħ mill-ġdid tar-range tal-isparar fl-Akkademja tal-Pulizija wara diversi snin ma tintużax minħabba raġunijiet tekniċi, it-taħriġ tal-isparar għall-membri tal-Korp li qed jattendu regolarment waqt l-Inservices Courses issa jista' jsir b'aktar effiċenza u b'inqas skariġġ peress li sa ftit ġimgħat ilu konna sfurzati nużaw ir-range li tinsab fil-Furjana fejn ta' kull darba il-membri riedu jiġu trasportati 'l hemm u 'l hawn mill-Akkademja.

Fost it-titjib li sar fir-range tal-Akkademja hemm tinda li nħadmet kollha kemm hi mit-Trades Section tal-Korp li l-għan tagħha hu maħsub li jiġu evitati *ricochets* tal-balal u b'hekk jitnaqqas il-periklu.

Ix-xogħol kien jinvolvi wkoll it-tneħħija tar-ramel kollu (back stop) li wara ammont kbir ta' sparar dan imtela' b'munizzjon użat.

Ta' min isemmi li tneħħew madwar sittin yarda ta' ramel u reġa' intefa' ramel ġdid biex ikun aktar effettiv u jassorbi fih il-balal sparati.

L-għamara kollha li kien hemm qabel fl-istess range inbidlet u saret għamara ġdida li nħadmet kollha kemm hi mill-mastrudaxxi tal-Korp.

Reġgħet ġiet installata s-sistema elettrika kollha biex ir-range ġiet mgħammra bid-dawl addatat għal taħriġ li jista' jkun meħtieġ li jsir wara nżul ix-xemx.

Fil-futur qarib mistenni jkollna wkoll l-apparat imsejjaħ moving target, falling plates u tipi oħra ta' targets maħsuba għal taħriġ aktar avanzat u professjonali,
u minn hawn nixtieq nirringrazzja wkoll lil PS1163 Frans Schembri li hu l-instructor tal-isparar fl-Akkademja tal-entużjażmu u l-idejat tiegħu f'dan il-qasam ta' taħriġ.

Fl-aħħarnett nixtieq f'isem il-Kmandant tal-Akkademja u l-istaff kollu nirringrazzja lill-Kummissarju s-Sur John Rizzo li kien strumentali biex setgħet tiġi rranġata s-shooting range u tal-interess kontinwu li juri fil-qasam tat-taħriġ ġewwa l-Akkademja tal-Pulizija.

Recowatt®
technical services





INTRODUCING NATURAL LIGHT IN PLACES YOU THOUGHT IT IMPOSSIBLE!

With Solatube Natural light is redirected from the rooftop or the building's side walls through a tube and then diffused throughout the interior of the houses or office.

THIS LIGHTING SOLUTION WILL REDUCE LIGHTING COSTS BY OVER 50%

While natural lighting will give you an increase in general wellbeing and productivity.

Other Products and Services:

PV Systems, Vertical Wind Turbines, Natural Ventilation, Glass Treatment, Solar pool heating & Energy Efficient Consultants.



SOLATUBE®
Innovation in Daylighting

Tel: 21660546 | 99472878 | 99062969
Find us at: KBIC Units 1180/1190, Kordin Industrial Estate, Paola.
Emails: info@recowatt.com | justin@recowatt.com
www.recowatt.com

ACO

ACO TECHNOLOGIES
WELCOME TO A WORLD OF INNOVATION





DRAIN SOLUTIONS FOR YOUR PROJECT

JMV
QUALITY IN STEEL

JM VASSALLO VIBRO STEEL LTD
Mdina Road, Zebbug, ZBG 9019 Malta
Tel: (+356) 2146 7421 - (+356) 2146 6228
Fax: (+356) 2146 5202 - E-mail: info@jmvibro.com
www.jmvibro.com

MOODY INTERNATIONAL CERTIFICATION
UKAS QUALITY MANAGEMENT 014

# "People Matter"

Dr Rose Anne Cauchi Cuschieri

F'kull tip ta' organizzazzjoni jinħass il-bżonn ta' training kotinwu. U dan huwa s-suġġett li ser nikteb fuqu llum. Illum hemm għarfien kbir li l-immaniġjar u l-iżvilupp tan-nies, dak li bl-ingliż jissejjah **Human Resource Management (HRM) u Human Resource Development (HRD)** huwa għodda importanti biex organizzazzjoni timxi 'l quddiem. It-training u l-iżvilupp professjonali tan-nies għandhom jiġu meqjusa bħala investiment u għalhekk huwa neċessarju li kull organizzazzjoni li trid timxi 'l quddiem u tagħmel suċċess, mhux talli trid tagħmel policy ta' training kontinwu, imma trid tara li dan it-training jiġi mplimentat matul iż-żmien. U din il-ħaġa tista' tingħad ukoll għall-Korp kważi militari, kif inhu l-Korp tal-Pulizija.

X'inhu l-iskop ta' training ta' dan it-tip? X'jistgħu jkunu r-riżultati u l-effetti? Dan jista' jinġabar fil-punti li ġejjin:

1. In-nies isiru aktar effettivi u effiċjenti fix-xogħol tagħhom, u għalhekk jintlaħqu standards ogħla;

2. Ikun hemm ċans akbar li nies jiġu miġbuda lejn il-Korp għax fih jaraw aktar serjeta' u lok fejn wieħed jista' jiżviluppa;

3. Ikun hemm inqas turnover, jiġifieri jkun hemm iċ-ċans li n-nies ma jitilqux u dan jevita li jinħlew ħafna riżorsi fit-training tan-nies li parti sostanzjali minnhom jitilqu wara żmien qasir u għalhekk ikun hemm il-bżonn li terġa' tittrenja nies ġodda;

4. L-ethos tal-organizzazzjoni ikun aktar pożittiv għax in-nies iħossuhom aktar valutati u għaldaqstant iċ-ċans ikun li jkunu aktar motivati;

5. Jiżdied is-sens ta' u l-kilba għat-tagħlim;

6. It-tagħlim jibda' jiġi meqjus bħala responsabbilta', dritt u dover ta' kull wieħed u waħda.

Hekk kif il-bżonn għat-tagħlim u training tal-istaff jiġu meqjusa bħala waħda mill-aktar riżorsi prezzjużi tal-Korp, il-kilba għal aktar tagħrif tibda tiżdied u l-bżonn tagħha aktar jibda' jinħass.

Imma allura f'hiex għandu jkun dan it-training u professional development? Fl-opinjoni tiegħi għandu jkun f'kull aspett tax-xogħol polizjesk u għandu jsir f'kull livell, naturalment bl-aktar mod addattat għan-nies ikkonċernati. Għandu jieħu forma ta' refresher u idejalment imiss suġġetti li għandhom konnessjoni diretta max-xogħol tal-Kuntistabbli, Surġent, Spettur u saħansitra rankijiet ogħla minn hekk. Biss barra minn hekk għandhom jiġu ttrattati suġġetti li jgħinu fix-xogħol tal-Pulizija b'mod indirett, fosthom personali u social skills kif ukoll tip ta' maintenance skills li jgħinu lill-individwu jkampa mal-istress li dan it-tip ta' xogħol iġib miegħu. Fil-fatt, dan it-tip ta' training jaqa' taħt tliet kategoriji:

1. Professional training: per eżempju korsijiet qosra, workshops, seminars u konferenzi fejn jiġu mogħtija informazzjoni prattika u skills relatati;

2. Professional education: per eżempju korsijiet itwal u anke xi secondments fejn tingħata teorija u prattika mhux tas-soltu;

3. Professional support: per eżempju attivitajiet li jkomplu jibnu fuq l-esperjenza tax-xogħol u l-performance ta' dak li jkun.

Għal din id-darba ser nieqaf hawn. Biss darb'oħra nkompli nespandi fuq dan is-suġġett għax nemmen li għandu importanza partikolari.

## Malta tiġi eletta Deputy Chair tal-Kumitat tal-Programmi Annwali tas-CEPOL

Fl-aħħar laqgħa li saret f'Jannar li għadda tal-Kumitat tal-Programmi Annwali, magħruf aħjar bħala l-Annual Programme Committee tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL), Malta ġiet unanimament eletta sabiex din issena tokkupa l-kariga ta' Deputy Chair ta' dan il-Kumitat.

Dan ifisser li mis-sena d-dieħla, Malta awtomatikament tieħu t-tmexxija ta' dan il-Kumitat bħala c-Chairman tiegħu. Il-ħatra ta' Malta tintemm f'Jannar 2013.

L-Annual Programme Committee hu meqjus bħala wieħed mill-aktar kumitati importanti fi ħdan is-CEPOL u dan għaliex huwa dan il-kumitat, li fost affarijiet oħra jkun irid iħejji l-programm annwali tal-korsijiet, seminars u konferenzi kollha li jkunu jridu organizzati fl-akkademji tal-Pulizija fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropeja matul is-snin 2011-2012. Ix-xogħol għal Malta aktar se jkun iebes minħabba l-fatt li mis-sena d-dieħla jrid jiġi mplimentat il-Programm ġdid ta' Skambju ta' Uffiċjali tal-Pulizija, magħruf bħala l-Erasmus-Style Police Exchange Programme' u li għadu kif ġie approvat mill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropeja taħt il-Programm ta' Stokħolma.

Id-Deputy Chair Malti se jkun is-Supretendent Dr Mario Spiteri, LL.D li ilu jirrapreżenta l- Malta fis-CEPOL tul dawn l-aħħar erba' snin.

# Ħarsa lejn l-INTERPOL

Christopher Galea Scannura
Spettur - INTERPOL

Illum aktar minn qatt qabel, kull gvern għandu r-responsabbiltà li jassigura kontroll effettiv fuq il-kriminalità u l-protezzjoni taċ-ċittadini. Il-koperazzjoni internazzjonali effettiva hija neċessarja biex tgħin lill-pajjiżi jiddiljaw ma' problemi ta' kriminalità nazzjonali u internazzjonali. Għalhekk l-investiment fil-kapital uman u l-inġenwità, riżorsi finanzjarji u mezzi tekniċi moderni huma neċessarji biex jassiguraw il-preservazzjoni tal-liġi, il-ġustizzja u s-sigurtà. Biex dan jintlaħaq fuq livell internazzjonali hi meħtieġa l-koperazzjoni transnazzjonali li hi neċessarja sabiex tarmonizza l-liġijiet u l-prattiċi ta' sorveljanza.

Għalhekk naraw l-importanza tal-INTERPOL aktar minn qatt qabel. L-INTERPOL hi l-akbar organizzazzjoni tal-pulizija, illum b'188 pajjiż membru. In fatti hi l-akbar organizzazzjoni dinija wara l-Ġnus Magħquda. Ġiet deskritta bħala l-aħjar risposta globali għall-kriminalità transnazzjonali. Għandha storja twila li tmur lura għal nofs is-seklu dsatax u l-ewwel snin tas-seklu għoxrin.

**Żvilupp Storiku**

L-ewwel inizjattiva biex tiġi stabbilita formalment organizzazzjoni internazzjonali tal-pulizija kienet ittieħdet fl-Ewwel Kungress Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali f'Monaco fl-1914. Fil-1923 fit-Tieni Kungress Internazzjonali, taħt il-presidenza ta' Johannes Schober, Kap tal-Pulizija Awstrijaka, u li kien sar fi Vienna, id-delegati tal-pulizija qablu li jwaqqfu l-Kummissjoni Internazzjonli tal-Pulizija Kriminali (International Criminal Police Commission – ICPC) li eventwalment saret magħrufa bħala INTERPOL wara li fit-Tielet Kungress Internazzjonali li sar fi Brussels fil-1946, saru diversi riformi fl-organizzazzjoni. Il-kelma INTERPOL ġiet addottata bħala indirizz telegrafiku fil-1947. Fl-1956 ġiet addottata kostituzzjoni ġdida u l-organizzazzjoni saret magħrufa bħala ICPO-INTERPOL (International Criminal Police Organisation – INTERPOL), organizzazzjoni awtonoma li fil-1949 kienet ingħatat status konsultattiv bħala organizzazzjoni non-governattiva u fil-1971 ġiet rikonoxxuta bħala organizzazzjoni intergovermentali mill-Ġnus Magħquda (UN).

Il-Kwartieri Ġenerali tal-INTERPOL kien stabbilit f'Pariġi fil-1946. Fuq dan, fil-1972, sar ftehim ma' Franza li irrikonoxxiet lill-INTERPOL bħala organizzazzjoni internazzjonali. Fil-1989 dan ġie trasferit fil-belt ta' Lyon.

**Skop u Simboli**

L-iskop tal-INTERPOL hu ddikjarat fil-Kostituzzjoni tagħha. Artiklu 2 jgħid:

2(1): Sabiex tassigura u tippromwovi l-akbar għajnuna possibbli bejn l-awtoritajiet tal-pulizija kriminali fil-limiti tal-liġi eżistenti fil-pajjiżi differenti u fl-ispirtu tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem.

2(2): Biex tistabbilixxi u tiżviluppa l-istituzzjonijiet kollha li jistgħu jikkontribwixxu effettivament għall-prevenzjoni u soppressjoni tal-kriminalità.

> *Il-Kwartieri Ġenerali tal-INTERPOL kien stabbilit f'Pariġi fil-1946*

Artiklu 3 jagħmilha ċara li l-INTERPOL hi konċernata biss fl-attività tal-pulizija:
3: Hu strettament mhux permess għall-Organizzazzjoni li tintervjeni jew tieħu sehem f'attivitajiet ta' karattru politiku, militari, reliġjużi jew razzjali.

L-intenzjoni hi li tassisti l-koperazzjoni internazzjonali bejn il-pulizija anke fejn relazzjonijiet diplomatiċi bejn pajjiżi partikulari ma jeżistux.

Apparti l-abbrevjazzjonijiet uffiċċjali, l-INTERPOL għandha wkoll is-simboli tagħha. Mill-1950 bdiet tuża l-emblema u l-bandiera tagħha. Wieħed irid jinnota wkoll li għandha erba' lingwi uffiċjali li huma l-Franċiż, l-Għarbi, l-Ingliż, u l-Ispanjol.

**Struttura**

L-istruttura tal-organizzazzjoni hi spjegata fl-Artiklu 5 tal-Kostituzzjoni. L-awtorità suprema hi fi ħdan l-Assemblea Ġenerali, magħmula mid-delegati maħturin mill-pajjiżi membri, li tiltaqa' darba f'sena u tieħu d-deċiżjonijiet prinċipali kollha li jaffettwaw il-politika ġenerali tagħha. Kull pajjiż membru għandu dritt għal vot wieħed. Il-Kumitat Eżekuttiv, elett mill-Assemblea, u li jieħu ħsieb it-twettiq tad-deċiżjonijiet tagħha, u x-xogħol tas-Segretarjat Ġenerali, hu magħmul minn tlettax-il membru li jirrappreżentaw ir-reġjuni kollha tad-dinja. Hu magħmul minn president li jservi għal perjodu ta' erba' snin, tliet viċi-presidenti u disa' delegati li jservu għal tliet snin.

Is-Segretarjat Ġenerali tal-organizzazzjoni hu mmexxi minn Segretarju Ġenerali li jkun nominat mill-Kumitat Eżekuttiv u jiġi konfermat b'maġġoranza ta' mhux anqas minn żewġ terzi mill-Assemblea Ġenerali biex iservi għal perjodu ta' Ħames snin. Hu l-uffiċċjal eżekuttiv prinċipali tal-organizazzjoni u hu responsabbli li jara li x-xogħol kollu tal-organizazzjoni jsir sewwa u li d-deċiżjoniet tal-Assemblea Ġenerali u l-Kumitat Eżekuttiv jiġu mwettqa. Is-Segretarju Ġenerali u l-impjegati li jaħdmu fis-Segretarjat jitqiesu bħala uffiċjali ċivili internazzjonali. Jieħdu ħsieb l-amministrazzjoni u t-tmexxija, ir-riċerka u s-sapport tekniku




Whether you are planning a large or a smaller intimate celebration,
Villa Arrigo provides the perfect setting for Weddings, Receptions, Private Functions, Lunches, Dinners, Card Parties, Tea Parties, Anniversaries, Product Launches, Seminars and Workshops.

Alternatively, we can provide outside catering services to your home or any venue of your choice. From intimate to elaborate we are at your service. Our entire team of Chefs and their capable assistants work in state-of-the-art kitchens, and focus all their skills and passion for gourmet food on your event. This is no hotel or restaurant where other menus are being catered for simultaneously. In fact, both the venue and the food preparation will be completely dedicated to you, and to you alone, in other words, exclusively yours!

Osborne CATERERS

Open daily for viewing & booking | Wednesday from 5pm till 7.30pm
Tel: +356 2142 3214 | info@osbornecaterers.com | villaarrigo@onvol.net | osbornecaterers@onvol.net

SELMUN PALACE HOTEL



**Join Us For Our Sunday Buffet Lunch**



*Adults:*
*€17.00 each*

*Children:*
*€8.50 each*

Selmun Road, Selmun c/o Mellieha
Tel: 2289 0415 Fax: 21521060
Email: fb.selmun@matanet.net
Website: www.selmunpalacehotel.net

SPECIAL OFFERS

CUSTOM MADE
100% SOLID DOORS
from only
€399
incl. installation

PUNCTUAL DELIVERY
NOW GUARANTEED

2" quality hardwood doors available in Wallnut, Oak, Mango, Rosewood, Beech, Mahogany & Teak. Various designs to choose from.

TIKAMS

Msida Seafront, Msida. Tel: 21225348 / 27225348

u jżommu kuntatt mal-awtoritajiet tal-pulizija ta' kull pajjiż membru. Dawn huma megħjuna minn seba' bureaux sub-reġjonali li jinsabu f'Abidjan, Buenos Aires, Harare, Nairobi, San Salvador, u Yaoundé. Hemm ukoll 'liaison office' f'Bangkok. Barra dawn, għadd ta' esperti jkunu maħturin mill-Kumitat Eżekuttiv u approvati mill-Assemblea Ġenerali, biex jagħtu pariri u jassistu fl-attivitajiet u programmi tal-organizazzjoni. L-INTERPOL għandha wkoll 'laison office' fil-Kwartieri Ġenerali tal-UN fi New York. Fil-2004 l-INTERPOL ħatret l-ewwel Rappreżentat Speċjali tagħha fil-UN. Rappreżentant ieħor, maħtur l-ewwel darba fil-2008, jinsab fl-EU, fi Brussell.

F'kull pajjiż membru hemm in-National Central Bureau (NCB) li jkun parti minn diviżjoni tal-pulizija nazzjonali. Dan iservi bħala punt ta' kuntatt u ta' riferenza għall-ħidmiet kollha tal-INTERPOL. Iżomm kuntatt kemm ma' NCBs oħra kif ukoll mas-Segretarjat Ġenerali. Is-Segretarjat Ġenerali jissaportjahom prinċipalment billi jgħin fl-iżvilupp tal-kapaċità tagħhom, jipprovdi taħriġ għall-pulizija u jassigura l-komunikazzjoni l-aktar bl-iżvilupp tas-sistema ta' komunikazzjoni teknoloġika ta' 24/7.

Fil-1982, l-INTERPOL waqqfet il-Kummissjoni għall-Kontroll tad-Dokumenti tal-INTERPOL (Commission for the Control of Interpol's Files – CCIF) biex tħares l-arkivji tagħha minn kull abbuż u fl-istess ħin tipproteġi d-drittijiet tal-individwu. Din il-kummissjoni tassigura li l-ipproċessar tal-informazzjoni personali jkun skond ir-regoli tal-organizazzjoni, tagħti pariri fuq proġetti, attivitajiet, regoli u materji oħra li jirrigwardaw l-ipproċessar ta' informazzjoni personali, u tipproċessa talbiet dwar informazzjoni fl-arkivji tal-INTERPOL.

Primarjament l-INTERPOL tiddependi mill-pajjiżi membri għall-iffinanzjar tal-ħidma tagħha. Il-gvernijiet ta' dawn il-pajjiżi jħallsu kontribuzzjoni statutorja annwali li jkunu qablu fuqha. Il-baġit tal-INTERPOL għas-sena 2009 kien ta' €47.4 miljuni.

**Funzjonijiet Prinċipali**

L-INTERPOL qed tikkonċentra l-ħidmiet u r-riżorsi tagħha fuq erba' funzjonijiet prinċipali:

(a) Tassigura servizzi ta' komunikazzjoni globali tal-pulizija: Is-sistema tal-komunikazzjoni globali għall-pulizija hi waħda moderna u kreattiva u tuża mezzi sofistikati biex tassigura li s-servizz li jingħata jkun effettiv u faċli biex jitwettaq. Fil-2002 iddaħħlet is-sistema l-24/7 li ħadet post il-'fax' u l-posta u li taħdem erbgħa u għoxrin siegħa kuljum. Din is-sistema li tiffunzjona permezz ta' network virtwali privat fuq l-internet, tgħin lill-pulizija tal-pajjiżi membri jitolbu, jagħtu u jaċċessjaw informazzjoni u data vitali f'ambjent assigurat u fi żmien qasir. Hi l-bieb li tiftaħ informazzjoni kriminali f'diversi databases, tqassim u bdil ta' informazzjoni kkontrollata sew fil-mod kif tiġi trasmessa biex din tgħaddi biss għand min għandha tasal.

> *Il-Kwartieri Ġenerali tal-INTERPOL kien stabbilit f'Pariġi fil-1946*

(b) Tipprovdi servizzi ta' data u databases għall-Pulizija: L-INTERPOL għandha diversi servizzi ta' data għall-pulizija mad-dinja kollha. Fl-1990 kienet daħħlet is-sistema ta' kommunikazzjoni X.400 biex l-awtoritajiet lokali tal-pulizija, magħrufa bħala NCBs, jkunu jistgħu jibgħatu messaġġi elettroniċi lil xulxin u lis-Segretarjat Ġenerali direttament. Fil-1998 ħolqot l-INTERPOL Criminal Information System (ICIS) b'database li tipprovdi diversi tagħrif. Dawn jinkludu data nominali u forensika, tagħrif fuq ismijiet u ritratti ta' kriminali magħrufa, nies imfittxija, marki tas-swaba', profili ta' DNA, kif ukoll dwar vetturi misruqa, dokumenti ta' visas, identifikazzjoni jew passaporti mitlufa jew misruqa (Stolen or Lost Travel Documents – SLTD), stampi ta' abbużi sesswali fuq it-tfal (Child Abuse Image Database – CAID) u xogħlijiet tal-arti misruqa. Dawn huma direttament aċċessibbli għall-konsultazzjoni minn dawk li jużaw l-l-24/7 permezz tal-Automated Search Facility (ASF). Hemm oħrajn li jirrigwardaw 'payment cards', terroriżmu, pornografija u pedofelija. Biex jiġi assigurat li l-informazzjoni tasal malajr ħalli ma tħallix li l-kriminali jivvjaġġjaw liberament biex jeħilsu mil-liġi jew jikkomettu aktar delitti, ġew żviluppati żewġ networks ta' databases integrati, li huma l-FIND (Fixed Interpol Network Database) u l-MIND (Mobile Interpol Network Database) li jirrendu s-servizz aktar effiċjenti.

L-aktar mezz magħruf u għadu effettiv biex titraġġja kriminali u tagħti tagħrif dwar kriminalità, hu dak tal-Avviżi (Notices) li l-INTERPOL introduċiet fl-1946. Hi sistema ta' avviżi identifikati permezz tal-kuluri skond il-każijiet. Dawn huma:

**Aħmar** - talba internazzjonali għall-arrest bil-ħsieb ta' estradizzjoni ta' persuna mfittxija u bażat fuq mandat ta' arrest,
**Ikħal** - talba biex jinġabar aktar tagħrif dwar identità jew attività illegali b'relazzjoni ma' każ kriminali,
**Aħdar** - tipprovdi avviż u tagħrif dwar persuni li kkommettew atti kriminali bil-possibilta` li jirrepetu atti kriminali f'pajjiżi oħra,
**Isfar** - biex issir tfittxija għal nies mitlufa, l-aktar minuri, jew biex jiġu identifikati nies li mhux kapaċi jiddentifikaw lilhom infushom,
**Iswed** - biex tfittex l-identita` vera ta' persuni mejta li ma jkunux ġew identifikati,
**Oranġjo** - tinforma u tagħti tagħrif dwar invenzjonijiet ta' armi kkumplikati ġodda li jheddu s-sigurtà bħal pakketti-bomba u materjal ieħor perikoluż, theddid terroristiku, u biex jinżamm tagħrif fuq sinjali u ġrajjiet perikolużi.

Ma' dawn żdied l-Avviż speċjali, INTER-




QUALITY RANGE SERVICE

Alfa Romeo
Audi
BMW
Citroen
Daewoo
Daihatsu
Fiat
Ford
Honda
Isuzu
Jeep
Lancia
Land Rover
Mazda
Mercedes-Benz
Mitsubishi
Nissan
Opel
Peugeot
Porsche
Renault
Saab
Seat
Subaru
Suzuki
Toyota
Triumph
Vauxhall
Volkswagen

ALCO OIL AIR FUEL HYDRAULIC Filters

Trade Enquries:
POWERPLAN LTD
TEL: (356) 21 499750
FAX: (356) 21 448702
E-mail: totalmlt@powerplanltd.com

HÖRMANN
Garage doors for home and industry



Importers of high quality German products

Sheffield Imports
www.sheffieldimports.com

178/180, Main Str, Siggiewi
Tel/FAX: 00356 21 464693
Mob: 00356 99442805 | 00356 99256474
info@sheffieldimports.com

Citadelmotor




Citadel*motor* toffrilek

- Protezzjoni tan-'No Claims Discount' b'xejn
- Servizz ta' irmunkar b'xejn
- Skont fuq karozzi b'emissjonijiet ta' $CO_2$ baxxi, 'hybrid' jew li jaħdmu bl-elettriku

...u aktar (Termini w kundizzjonijiet japplikaw)

Ċemplilna illum fuq freephone 8007 2322
jew żur is-sit www.Citadeldirect.com

Citadel insurance

Citadel Insurance p.l.c. • Casa Borgo • 26 Triq is-Suq • Furjana FRN 1082 • Tel: 2557 9000 • E-mail: info@citadelplc.com
Fergħat: Gżira 2133 2151 • Ħaż-Żebbuġ 2146 3559 • Naxxar 2141 9198 • Raħal Ġdid 2180 6247 • Intermedjarji fl-Assigurazzjoni Marbuta: Malta • Għawdex

Citadel Insurance p.l.c. hija kumpannija awtorizzata sabiex tmexxi kummerċ tal-assigurazzjoni ġenerali u fit-tul u hija regolata mill-Awtorita` għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta
*Termini w kundizzjonijiet japplikaw. Żur is-sit www.citadeldirect.com għal-aktar informazzjoni.


playmobil
FunPark
Come and see where smiles are made and celebrate PLAY!
Bring your kids and participate in the fun and while you are here, have a healthy lunch at our Playmobil Cafetéria.
Playmobil Funpark, HF80, Industrial Estate, Hal Far
T: 2224 2445 E: funpark@playmobilmalta.com Oct-June: Mon-Sun 10.00hrs - 18.00hrs
BY BUS: ROUTE NO.13 FROM VALLETTA
BY CAR: PROCEED TO THE AIRPORT THEN FOLLOW THE SIGNPOSTS
playmobil.com
ONE FREE ENTRANCE on presentation of this advert.
Valid till end of 2010
Free WiFi access at the Playmobil Funpark


merci
Finest Selection
MERCI FINEST SELECTION IS A UNIQUE AND HIGH QUALITY GIFT, GIVING CHOCOLATE FOR EVERY TASTE AND EVERY OCCASION, WITH WHICH ONE CAN SAY "THANK YOU" EMOTIONALLY AND WITHOUT MANY WORDS TO PEOPLE DEAR TO HIM OR HER.
merci
Finest Selection
REDOCTOBER
COMPANY LIMITED
272, Mdina Road, Qormi QRM 08
TEL: +356 2147 0400 FAX: +356 2147 0300
E-mail: carlosc@redoct.net/mschembri@redoct.net


Int x'se tiggwadanja?
...trasport ta' kwalità,
puntwali u
b'valur għal flusek
u b'servizz aħjar!
Ir-Riforma
tat-Trasport Pubbliku
Int jixraqlek l-aħjar!
Għal aktar dettalji żur is-sit:
www.mitc.gov.mt
mitc
ministeru għall-infrastruttura trasport u komunikazzjoni

POL-UN Special Notice, li joħroġ rigward gruppi jew individwi, bħal Al Qaeda jew it-Talibani, li joħorġu għalihom sanzjonijiet partikolari.

(c) Tipprovdi servizzi ta' għajnuna fl-operat tal-pulizija: L-INTERPOL identifikat sitt tipi ta' kriminalità li qed tagħtihom prijorità fil-ħidma tagħha: korruzzjoni li thedded l-integrità, stabbilita soċjali, ġustizzja u t-tmexxija tal-liġi; drogi u kriminalità organizzata; kriminalità konnessa ma' finanzi u teknoloġija li tinkludi falsifikar ta' flus, frodi ta' payment cards, cyber-crime u propjetà intelletwali; nies kriminali maħrubin; sigurta` pubblika u terroriżmu; u traffikar ta' bnedmin inklużi l-immigrazzjoni illegali.

Biex tindirizza dawn l-attivitajiet kriminali, l-INTERPOL għandha Ċentru ta' kordinament, il-Command and Co-ordination Centre, li jopera 24 siegħa kuljum biex jassisti 'l pajjiżi membri. Dan ukoll jgħin lill-pajjiżi membri li jkun hemm bżonn fil-każ ta' xi kriżi billi jikkordina l-bdil ta' informazzjoni u jassumi rwol ta' tmexxija f'każi ta' inċidenti serji. Meta pajjiż ikollu xi sitwazzjoni ta' kriżi, kemm naturali kif ukoll maħluqa mill-bniedem, u jitlob l-għajnuna tal-INTERPOL, is-Segretarjat Ġenerali jibgħat Incident Response Teams (IRTs) magħmula minn pulizija esperti fi żmien 24 siegħa. Jekk ma jkollux ċerti esperti speċifiċi, issir sejħa biex l-istati membri jipprovdu dawn in-nies ħalli jaħdmu taħt l-INTERPOL.

(d) Taħriġ u żvilupp tal-pulizija: Biex issaħħaħ il-kapaċità tal-pulizija tal-pajjiżi membri fil-ġlieda kontra l-kriminalità, l-INTERPOL tisħaq fuq it-taħriġ kontinwu. Għalhekk tfittex li tinkoraġixxi 'inizjattivi ta' taħriġ, toffri taħriġ u tagħti pariri fuq żviluppi f'dan il-qasam. L-iskop hu li ssaħħaħ il-kapaċità tal-pulizija ħalli jkunu effettivi fil-ġlieda kontra l-kriminalità transnazzjonali u t-terroriżmu. Din l-attività tinkludi qsim ta' tagħrif, ideat ħiliet u prattiċi, żvilupp ta' standards globali għall-ġlieda kontra atti kriminali speċifiċi.

Dan twettqu permezz tal-INTERPOL Police Training Programme, u taħriġ ieħor mis-Segretarjat Ġenerali fil-liġi, fl-investigazzjoni u fl-iżvilupp ta' ħiliet. Fis-16-il Simposju tal-Kapijiet tal-Pulizija kien irrikmandat it-twaqqif ta' Global Learning Centre (GLC) li kien issapportjat mill-Olanda waqt li fil-2007 l-Awstrija laqgħet it-twaqqif tal-Anti-Corruption Academy fi Vienna. F'Jannar 2010, waqt il-40th World Economic Forum li sar f'Davos, l-Isvizzera, is-Segretarju Ġenerali Ronald K. Noble appella biex tingħata sapport kemm mill-pubbliku kif ukoll mill-privat. L-iskop ta' din l-Akkademja hu li toffri taħriġ kontra l-korruzzjoni, tassigura servizz pubbliku trasparenti u koperazzjoni bejn il-pajjiżi fuq il-fruntieri, tgħin il-gvernijiet biex jaqbdu l-kriminali u jiġbru lura dak li jkun insteraq.














# Il-Forzi ta' l-Or
# f'atmosfera sportiv

Għat-tielet sena konsekuttiva, l-kumitati tal-iSport ta
attivitajiet sportivi fi żmien il-Milied. Din is-sena b'
id-Dipartiment tal-Protezzjoni ċivili.

Kien fiż-żmien il-Milied ta' 3 snin ilu, meta l-Kummis
ta' l-AFM Charles Vassallo ħarġu bl-idea li jlaqgħu ż
differenti mir-rutina ta' kuljum, fejn ħafna drabi, iż-ż
Għaldaqstant, iż-żewġ mexxejja daħlu fil-kalendarj
b'forma ta' logħob ta' ħbiberija f'diversi dixxiplini s
din l-ideja qed jirnexxi mija fil-mija, fejn minn sena
qiegħda tissaħħaħ.




















## rdni jiltaqgħu
## afi żmien il-Milied.




tal-Pulizija u dak tal-Armata reġgħu organizzaw
'differenza mis-snin ta' qabel ingħaqdu wkoll




nissarju tal-Pulizija John Rizzo u l-ex Brigadier
ż-żewġ forzi f'atmosfera soċjevoli li tkun
-żewġ forzi jaħdmu id f'id u spalla ma' spalla.
rju tal-forza rispettiva tagħhom din il-laqgħa
sportivi. Wieħed jista' jgħid illi l-għan wara
a għal oħra, l-għaqda bejn il-membri tal-forzi










RON BARCELÓ
THAT DARK OBJECT OF DESIRE
Ron Barceló Añejo
A superior blend created from a premium selection of rums, all naturally aged for up to 4 years in American oak casks. The favourite among rum connoisseurs
Ron Barceló Imperial
Naturally aged for 10 years, this premium rum is poised with a brilliant copper colour, and rich flavours. Voted 'Best Rum in the World' by the Beverage Institute of Chicago.
Founded in 1930 by Julian Barceló, Ron Barceló rum is today sold in over 50 different countries, establishing itself as the premium leader in the rum market.
This fine rum finds its origins in the Dominican Republic, right in the heart of the Caribbean. San Pedro de Macoris, where the company's aging facilities are located, has the ideal climate for the aging of rum.
www.ron-barcelo.com
Distributed by S. Rausi Ltd, Gzira - 21316210


Il Cortile
FARMHOUSE
Situated in the centre of the island surrounded by the tranquil beauty of countryside, and offering a perfect setting for any occasion.
Catered by Dolceria Croce Bonaci
Call for viewing and bookings: 7931 4412 • 9949 8903 • 2147 0311


Bell Net Ltd.
Fun.... Knowledge.... Friends....
http://www
Residential ADSL Connections
Bridge Connections
WEB Hosting
Business ADSL Connections
24x7 Support
WEB Development
10, TRIQ IC-CAWSLI, QORMI
2147 2592/3
support@bell.net.mt
www.bell.net.mt

# Serqa sfrattata bil-ħila ta' kooperazzjoni bejn il-pulizija u l-pubbliku.

Kurt Bugeja Coster - Ġurnalista, The Times



Fil-bidu tas-sena kelli x-xorti li nakkumpanja l-Iskwadra Mobbli sabiex nikteb artiklu dwar id-dmirijiet ta' l-istess skwadra.

Matul il-lejl li qattajt magħhom ġiet sfrattata serqa minn dar u nqabad il-ħalliel bil-ħila ta' kooperazzjoni bejn il-pulizija u l-pubbliku. Fil-fatt li ġara kien li l-ħalliel daħal fuq missier u iben li kienu qegħdin jaraw film fuq it-televiżjoni ftit wara nofs il-lejl fi Triq San Karlu, f'tas-Sliema. Però dan ta' l-ewwel ma stennix li ħa jsib lil xi ħadd mqajjem u nħasad. Għalhekk, telaq jiġri għal fuq il-bejt, fejn instab mill-pulizija ftit wara. Sadanitant, il-missier mill-ewwel ċempel għall-għajnuna. Dan l-aġir għaqli u spontanju min-naħa tar-raġel fl-aħħar mill-aħħar sewa' biex jinqabad il-ħalliel. Dak il-ħin, il-karozza li kont qiegħed fiha jien kienet nieżla minn Triq Santa Marija għal fuq Triq Manwel Dimech, tefa' ta' ġebla 'l bogħod minn fejn kienet se sseħħ is-serqa, meta ssejħet biex tassisti.

Nammetti li x'ħin il-pulizija kienu avżati biex joqgħodu attenti, demmi kesaħ, imma huma baqgħu kalmi u rħewlha għal fejn kien sar id-delitt.

Hekk kif wasalna fuq il-post mal-pulizija tad-Distrett, sibna l-missier li ċempel għall-għajnuna jistennina fuq il-bankina. Minn hemm 'il quddiem kollox ġara f'ħakka t'għajn u kelli nerġa naħseb f'dak kollu li ġara biex nifhem kif inqabad il-ħalliel. Kif ra lill-pulizija, ir-raġel, li kien aġitat, indika bieb ħdejn tiegħu li kellu ħġieġa ta' fuq imkissra, minn fejn x'aktarx kien daħal il-ħalliel. Deher li dan tal-aħħar kien kissirha biex jidħol minnha u, b'xi mod, irnexxilu jitla' mal-bieb, jgħaddi minn ġo fiha, u jinżel man-naħa ta' ġewwa, mingħajr ma jiftaħ il-bieb. Għalhekk, il-pulizija ma kellhomx għażla ħlief li jisgassaw il-bieb biex jidħlu.

Sadattant, bdew jaslu aktar pulizija mill-istess skwadra. Ftit minnhom telgħu fuq il-bejt, fejn dawk li telgħu qabel ik-konfermaw il-preżenza tal-ħalliel waqt li l-bqija ċċirkundaw il-blokk biex il-ħalliel ma jkunx jista' jaħrab. Minkejja dan, il-ħalliel ma qatax qalbu u hekk kif ra lill-pulizija tilgħin fuq il-bejt telaq jiġri. Dak il-ħin, residenti li semgħuh jiġri fuq il-bjut tagħhom ħarġu mit-twieqi biex jidderiġu lill-pulizija li kienu qegħdin fit-triq fid-direzzjoni tiegħu, aġir għaqli u spontanju ieħor min-naħa tal-pubbliku li wkoll serva biex jinqabad il-ħalliel. Għalhekk, hekk kif il-ħalliel qabeż ġot-triq minn fuq il-bejt biex jitla' mal-faċċatta opposta, sab lill-pulizija lesti biex jarrestawh.

> *Għalhekk, il-pulizija ma kellhomx għażla ħlief li jisgassaw il-bieb biex jidħlu.*

Iżda xogħol dawn tal-aħħar ma waqafx hawn għax meta kienu qed jeskortaw l-arrestat għal ġol-karozza tal-pulizija, ħarġu għalih il-ġirien, li kellhom jinżammu lura mill-pulizija sakemm il-ħalliel iddaħħal ġol-vettura biex jittieħed l-għassa. Sadanitant jien kont qtajt nifsi niġri magħhom imma minkejja dan kollu, l-pulizija rikbu lura fil-karozzi biex ikomplu bir-ronda tagħhom. Veru li dak hu xogholhom imma, fl-aħhar mill-aħħar, huma bnedmin bħal ħaddieħor u jgħejjew fiżikament u mentalment ukoll. U naħseb li din hija xi ħaġa li l-pubbliku jinsiha kultant. In-nies donnhom jippretendu li l-pulizija huma kapaċi jagħmlu l-mirakli mingħajr ma jqisu li huma bnedmin bħalhom, u għalhekk, suġġetti għall-istess limitazzjonijiet.




Vernon's Distribution | Tel: 2549 8000

## VIVOS LOAF




Did you know that a slice of wholemeal bread provides around 15% of an adult's daily recommended fibre intake? **Golden Harvest Vivos loaf**, is made from wholemeal with extra fibre which is added to help maintain your healthy lifestyle. It has no added salt and sugar. **Vivos loaf**, now with new packaging can be found at all leading supermarkets, mini markets and Golden Harvest outlets.

**For enquiries tel: 2133 4382**
**or visit *www.goldenharvest.com.mt***




# Baronesse

**...for a healthy lifestyle!**

Baronesse is a reduced-fat cheese with an absolute fat content of only 13% - a low calorie semi-hard cheese of smooth texture and zesty taste. With its mild-delicate, slightly sweetish taste it is thus ideal for demanding, but at the same time, nutritionally aware cheese lovers. Baronesse is easily digested and has a naturally high calcium content.

**TRADE ENQUIRIES: QUALITY EXPORT & IMPORT LTD. – TEL.2146 3600 / 2**

Barra minn hekk, inridu niftakru wkoll li dawn l-irġiel u nisa, li tant iħabbtu wiċċhom ma' perikli, għandhom familja bħal ħaddiehor. Jekk m'humiex miżżewġin u għandhom it-tfal, għandhom ġenituri li ċert li jinkwetaw xi ftit fuqhom waqt li jkunu xogħol. F'din il-ġrajja li semmejt, il-ħalliel ma kienx armat, imma l-pulizija kemm il-darba ġew wiċċ imb'wiċċ ma' min kien, ġrajjiet li mhux dejjem nisimgħu bihom fil-midja. Barra minn hekk, fl-istorja tal-korp naraw li kien hemm minn inqatel waqt li kien qed jaqdi dmirijietu, anki riċentament. U ngħid hekk mhux biex inbeżżgħa lil min qed jaqra dan l-artiklu imma biex nenfasizza fuq id-dedikazzjoni u l-ħila li għandkom lejn dmirijietkom, ħaġa li, ġa ngħiduha kif inhi, mhux kullħadd lest jidħol għaliha. U għalkemm hawnhekk semmejt biss il-pulizija ta' l-Iskwadra Mobbli u tad-Distrett, m'għandi l-ebda dubju li t-taqsimiet l-oħra jaħdmu bl-istess mod. U xhieda ta' dan huma l-ħafna stejjer ta' suċċess li jixxandru fil-midja ta' kuljum, kemm bħala kronaka u kemm bħala rapporti tal-qorti, fejn ħafna mill-każijiet li tant domtu taħdmu fuqhom jingħalqu darba għall-dejjem.

*Barra minn hekk, inridu niftakru wkoll li dawn l-irġiel u nisa, li tant iħabbtu wiċċhom ma' perikli, għandhom familja bħal ħaddiehor.*

Fil-bidu ta' dan l-artiklu semmejt il-koperazzjoni bejn il-pulizija u l-pubbliku li hija tant importanti għalikom. L-ebda kampanja edukattiva li tħeġġeġ in-nies jgħinu fejn jistgħu ma tiswa' daqs meta taħdmu bl-akbar għaqal u dedikazzjoni. Fl-aħħarnett, nixtieq nirringrazzja lill-Kummissarju li mingħajr il-permess tiegħu ma kontx nara dak kollu li ktibt fuqu b'għajnejja, it-Taqsima tar-Relazzjoniet mal-Kommunità u l-Midja tal-paċenzja li ħadu bija jfehmuni dak kollu li rajt, u l-Iskwadra Mobbli li għoġobha taċċetani magħha, anki jekk kont t'inkonvenjenza għaliha.

Biex inkun onest, ma xtaqtx insemmi individwalment dawk li kienu nvoluti fil-ġrajja li semmejt għax ma ridtx ninsa' lil xi ħadd u anki peress li ninsab ċert li jiġru ħafna affarijiet simili li fihom ikunu nvoluti pulizija oħra.

Għalhekk, nixtieq ngħid prosit lil kulħadd.

**If it's not Cleenol, it's not clean!**

CLEENOL LTD - Leading suppliers to the catering, hospitality and healthcare industries. Trusted by professionals everywhere.

- Sanitising products tested and approved against all major food poisoning bacteria
- Food preparation surface products tested, approved and guaranteed to be non-tainting to food-stuffs
- Laundry products and cost saving programs
- Complete Health & Safety documentation supplied with all products
- ISO 9001 accredited
- Made in the UK

NOW AVAILABLE IN MALTA




HIGH QUALITY, LOW PRICES!

CLEENOL

Contact us now for your comprehensive product catalogue and price list.

**Trade enquiries:**
W.J. Parnis England Ltd.
Tel: 2123 8895 Mob: 9942 8932
E-mail: cleenol@wjpe.com

NQA ISO9001 REGISTERED COMPANY

www.cleenol.co.uk

# YORKIE CLOTHING INDUSTRY LIMITED

## YORKIE CLOTHING

*the Number one Uniform company*

We manufacture and Supply all kinds of uniforms and work wear.

We produce: Police uniforms
School Uniforms
Government Contractors
Catering & Hotel Uniforms
Hospital Wear
and Fashion Clothing

**Contact person:**
**Mr. Jeffrey Calleja on 21 447309**
**Fax No: 21 498291**

**UB17, San Gwann Industrial Estate, B'Kara**

# ESPRIT
## paper + friends





**Cousins**
Trading Limited

***Trade enquiries***
***Tel: 21 446967, 21493124, 9949 5366***
***Email: cousins@maltanet.net***

# Outstanding ICT expertise with a proven track record

Megabyte Ltd is a leading information Technology Solutions Company focused on empowering businesses and public entities with world class technology and quality service.

Formed in 1979, Megabyte is associated with some of the major developments in the evolution of Information and Communications Technology in Malta. With an impressive track record of achievements and consistent growth, Megabyte's success lies in the expertise it accumulated over the years in the design, development and implementation of total cost-effective IT solutions comprising bespoke and third-party software applications as well as technical infrastructure.

MEGABYTE
TOTAL COMPUTER SOLUTIONS

MEGABYTE LIMITED
F4, The Technopark
Mosta MST 3000
Malta

T: (+356) 2142 1600
F: (+356) 2142 1590
E: info@megabyte.net
W: www.megabyte.net

# Żjara tal-Kummissarju f'Għawdex

Fil-15 ta' Novembru li għadda, l-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo għamel żjara ġewwa Għawdex bl-iskop li jiġu mfakkra l-kollegi tagħna li ħallew din id-dinja. Din iċ-ċerimonja żgħira ta' tifkira ssir kull sena. Filfatt din iċ-ċerimonja bħassoltu bdiet b'quddiesa b'sufraġju għall-kollegi mejta. Wara tqegħdu kuruni tal-fjuri fuq l-oqbra.

Wara, l-Kummissarju għamel żjara ġewwa l-Għassa tar-Rabat Għawdex li riċentament ġiet rinovata u rranġata mill-ġdid. Is-Sur Rizzo ngħata merħba mis-Supretendent tad-Distrett is-Sur Simon Galea kif ukoll l-Ispetturi Josric Mifsud u Frank Tabone. Ix-xogħolijiet estensivi li saru f'din l-Għassa kienu jikkonsistu f'pavimentar ġdid, tibdil fl-istruttura, fil-faċċata u fl-aperturi, għamara ġdida, purtieri u tiswijiet in ġenerali oħra. M'hemmx dubju li din l-Għassa issa ġiet waħda mill-isbaħ għasses li għanda f'pajjiżna.

Din kienet żjara mill-isbaħ għall-Kummissarju, fejn ħa l-opportunita` ukoll sabiex jitkellem ma' l-uffiċjali u l-membri tal-Korp stazzjonati f'Għawdex dwar ix-xogħol tagħhom f'dan id-Distrett.













# Għoti ta' Ċertifikati f'għeluq is-servizz



Nhar l-14 ta' Frar 2010, ġewwa s-sala San Mikiel fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija saret iċ-ċerimonja ta' għotja ta' ċertifikati lil dawk il-membri li spiċċaw mill-Korp. Iċ-ċerimonja, li kienet waħda informali għall-aħħar, ġiet miftuħa mill-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo.

F'kelmtejn tal-okkazzjoni, is-Sur Rizzo tenna li wara s-servizz kollu li dawn il-membri taw huwa xieraq li wieħed jingħata rikonoxximent. Il-Kummissarju kompla billi qal li jgħidu x'jgħidu n-nies, ix-xogħol fil-Pulizija m'huwiex ward u żgħar u dejjem ikun hemm xi biċċa xogħol taħraq, bħal per eżempju l-elezzjonijiet, referendum jew xi "strike."

> *"Once a policeman always a policeman"* - Kummissarju Sur John Rizzo

Is-Sur Rizzo, stqarr li huwa xieraq li wieħed jispiċċa s-servizz tiegħu b'quddiesa bħala rikonoxximent għal qadi li l-membri taw lir-Repubblika, liema quddiesa saret fil-Kappella tad-Depot u ġiet ikkonċelebrata mill-Kappillan tal-Korp, Fr Raymond Bonnici, OFM Kap.

Waqt il-kelmtejn tiegħu, l-Kummissarju semma kif persuna "once a policeman always a policeman." Għalhekk ħeġġeġ lil dawn l-ex-membri li jekk fil-ħajja tagħhom ser jiltaqaw ma xi affarijiet li huma rregolari jew illegali, għandhom jagħtu s-sehem tagħhom billi, mhux jieħdu ħsieb il-biċċa xogħol huma, iżda jinfurmaw lil sħabhom b'dak li jkun għaddej.





L-ex-membri li ngħataw iċ-ċertifikat huma:

John Mallia, Carmel Mallia, Mario Bruno, John Charles Ellul, John Abela, Mario Fava, Saviour Galea, Joseph Pace, Alfred Mallia, Rita Bellizzi, Carmelo Vella, Paul Sammut, Carmel Vella, Vincent Falzon, Mario Montesin, John Caruana, Anthony Chircop, Angelo Caruana, Martin Pace u Noel Bartolo.


BLACK&DECKER
Powerful Solutions
DEWALT
High Performance Industrial Tools
Exceptional Value for Quality!!
AAK
WE GIVE SPECIAL ATTENTION TO AFTER SALES SERVICE
DISCOUNTS ON TRADE-IN SCHEME
Ask for more details.
AAK GRECH BROS LTD
Triq Belt il-Hazina – Marsa
Tel: 2122 7832, 2122 7833
Mob: 7948 3216 • Fax: 2122 7866
AAK GRECH BROS LTD
Psaila Street, Birkirkara
Tel: 2148 3216, 2144 5947
Fax: 2148 5547 • Mob: 7948 8318
Email: aak@onvol.net


ANAUNIA
le pareti manovrabili
movable partition walls
CAMRAY
COMPANY LIMITED
KW4, Industrial Estate, Kordin PLA 3000
Tel: 2169 6015 Fax: 2169 5608
Email: camray@maltanet.net
www.camraycoltd.com


One of Life's Little Pleasures...
Now ALSO open at the Pavi Shopping Complex
Tony Camilleri Street, Burmarrad
Tel: 21 583 755 • Fax: 21 584 340
Email: info@piscopogardens.com
Web: www.piscopogardens.com
PISCOPO
gardens

Monkey Business



**SPECIAL OFFER**

UNTIL STOCK LASTS

**NOW ONLY @ €0.79c**



**NOW ONLY @ €0.71c**

Gregory & Murray Co Ltd

Triq Is-Salib ta' L-Imriehel
Mriehel Industrial Estate BKR3000
Tel: +356 21334394 / 21490389
E-mail: info@gregorymurraycoltd.com
www.gregorymurraycoltd.com

# Going on Holiday? Leave your pet in professional, caring hands!

**Tat-Targa Boarding Kennels**




- Kennels and cattery follow EU Obligatory Standards.
- Generously sized, sheltered kennels with adjacent runs.
- Dogs are exercised daily.
- Guaranteed safe and comfortable, unstressful and pleasant stay.

*Operated by Lino & Joanne Farrugia*
*German Shepherd Dog Breeders & Exhibitors Here in Malta*

**T'ALLA W'OMMU, SAN PAWL TAT-TARGA**
**Tel: 21573081 Mob: 79702326**
**Open all year round. Terms and conditions apply.**



# Keep your collection safe & secure with METALK gunsafes.

METALK gunsafes offer the highest level of safe storage and yet still allow the contents to be viewed and enjoyed. They come in a variety of capacities (5 to 20 longarms) and include internal ammunition safety boxes according to regulations.

METALK gunsafes are elegantly finished to suit every type of internal decor. prices from €340 delivery included.

www.metalk.it



Lock, Stock & Barrel

(Licensed Arms & Ammunition Dealers)
Phoenix Group Ltd.
Temporary stores : 152 Triq Antonio Schembri, Kappara
Tel: 9947 1091 E-mail: sap@lsb-malta.com

# Konferenza stampa Numru tal-Emerġenza 112








Nhar il-11 ta' Frar 2010, kien il-jum li fih l-Unjoni Ewropea fakkret it-tieni edizzjoni mit-twaqqif tal-linja tal-Emerġenza 112. Għal din l-okkażżjoni, saret konferenza stampa ġewwa l-Control Room tal-Kwartieri ġenerali tal-Pulizija mmexxija mill-Onorevoli Ministru Dr. Carmelo Mifsud Bonnici LL.D. flimkien mall-Kummissarju tal-Pulizija. Preżenti ukoll kien hemm id-Deputat Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Joe Cachia u l-Assistent Kummissarju Josie Brincat, fost diversi membri oħra tal-Korp u ġurnalisti.

Fid-diskors tal-ftuħ, il-Ministru semma' li n-numru 112 huwa numru importanti ħafna u li għandu jiġi użat b'attenzjoni u mhux b'abbuż. Ħafna nies jinqala' x'jinqala' jċemplu fuq in-numru ta' l-emerġenza meta fil-fatt dan in-numru iservi biex isalva ħajja ta' bniedem meta wieħed jiġi bżonn is-servizzi tal-Pulizija, ambulanza jew assistenza għat-tifi tan-nar.

Il-Ministru kkummenta ukoll kif l-ammont ta' telefonati mhux imwieġba fuq in-numru 112 qabel kien dak ta' 45 fil-mija, imma llum il-ġurnata dan niżel għal 22%. Issemma' ukoll li għal-każijiet ta' delitti wieħed għandu jagħmel użu min-numru 119 li ġie ntrodot għal dan il-għan partikolari. Il-Ministru għalaq id-diskors tiegħu fejn appella għall-għajnuna tal-pubbliku u saħaq li l-Pulizija jiddependu ħafna mill-poplu u kull informazzjoni hija essenzjali.

